MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2006

Numru 820/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Romina Veneziani)**

**vs**

**JOSEPH DEBONO**
**- OMISSIS -**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Joseph Debono ta' 55 sena, iben Alfred u Rita nee Mercieca, mwieled Sliema fl-26/02/1951, detentur tal-karta ta' identita bin-numru 198451M u residenti gewwa 238 Triq Sant Elena, Sliema;
U
- Omissis -
gew akkuzati talli:

fil-19 ta' Lulju 2006, ghal habta ta' 22.25, gewwa fi Triq Sant' Elena, Sliema, ikkagunaw griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Alan Camilleri minn tas-Sliema u dan ai termini ta' l-artikolu 216(1b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament kisru il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat, glied u storbju iehor u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok RV6 u nnutat li l-imputat Joseph Debono m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja. Ghal kull buon fini innutat li anke il-ko-imputat Mohamed Touarha iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat Joseph Debono fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat Joseph Debono bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat Joseph Debono rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Rat it-talba tal-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum ghas-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tal-imputat Joseph Debono, liema talba giet milqugha minn din il-Qorti fl-istess Seduta.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena mill-Prosekuzzjoni u minn Dr Joanne Vella Cuschieri ghall-imputat Joseph Debono.

Rat l-artikoli 214, 216(1)(b) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Joseph Debono, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Joseph Debono ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u hamsa u ghoxrin Liri Maltin (Lm25) ammenda u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhix tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin millum l-imputat Joseph Debono jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Joseph Debono b'obbligazzjoni personali ta' Lm100 li jzomm il-kwiet ma' Alan Camilleri u li jzomm il-bon ordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Joseph Debono l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------